MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 277/2012

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 2055/12**

**Mompalao Trading Limited (C41123) (Carmel Street, Luqa)**

**Vs**

**Nestle Malta Limited (C33045) (Pantar Road, Lija)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti wara li esponiet bir-rispett:

Illi fit-28 ta' Marzu 2012 Mompalao Trading Ltd ipprezentat ittra ufficjali taht l-Art 166A Kap 12 (Process No 794/12) kontra r-rikorrenti fejn talab il-kundanna ta' hlas tas-somma ta' elfejn seba' mija erbgha u tmenin ewro, tmenin centezmu (€ 2784.80) hemm imsemmija

allegatament dovuta bhala bilanc ta’ prezz ta’ oggetti mibjugha lil Nestle. Dan gie kkonfermat bil-gurament tal-istess Charles Bonnici Mompalao – **Dok A.**

Illi in opposizzjoni ta’ dina l-ittra ufficjali Nestle ipprezentaw ir-rispons taghhom permezz ta’ ittra ufficjali datata 18 t’April 2012 kopja hawn anness – **Dok B**, (No 1062/12) u ghalhekk entro it-termini kontemplat mill-ligi, fejn huma sostnew illi dan il-kreditu mhux dovut il-ghaliex kien sar pagament precedenti ‘in full and final settlement’ u ghalhekk dina l-partita kienet maghluqa – (Dok B page 2).

Illi dina l-ittra ufficjali risponsiva (No 1062/12) ma tqeghditx fil-process fuq imsemmi No 794/12, u ghalhekk fid-9 ta’ Mejju 2012 ir-rikorrent ipprezenta Nota fil-process No 794/12, b’kopja annessa tal-ittra ufficjali 1062/12 sabiex ghal kull buon fini u effett tal-ligi l-opposizzjoni maghmula minn Nestle tigi maghrufa – **Dok C.** Dawn id-dettalji ma johorgux fuq il-kompjuter tar-Registru tal-Qorti; johrog biss li kien hemm ‘Nota’ (minghajr dettalji) ipprezentata fid-9 ta’ Mejju 2012 u ghalhekk din in-nota tad-9 ta’ Mejju mehuda wahidha (minghajr l-annessa ittra risponsiva datata 17/4/2012) tidher li hi risposta tardiva.

Illi sussegwenti kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet u cioe l-ittra ta’ Dr. Zammit ghal Mompalao datata 27/6/2012 u tal-Avukat Dottor Hugh Peralta ghan-nom ta’ Nestle datata 03/7/2012 **Dok D u Dok E**, rispettivament; u l-istess fl-10/7/2012 **Dok F; Dok G** rispettivament.

Illi nonostante din is-sitwazzjoni legali Mompalao Trading Ltd xorta talbu l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv a bazi tal-ittra ufficjali minnhom prezentata taht l-Art 166A fuq imsemmija No 794/12, kontra Nestle, u ottjenew dan il-mandat tant, illi fit-28/7/2012 inhareg mandat ta’ sekwestru notifikat lil varji persuni **Dok H**: **(No 2055/12).**

Illi ghalhekk ghall-effetti kollha tal-ligi, f’dan il-kaz No 794/12 l-opposizzjoni ghall-proceduri taht l-Art 166A (procedura recentament introdota – principalment sabiex tnaqqas ix-xoghol tal-Qorti, izda minghajr pregudizzju

ghad-drittijiet ta’ difiza f’kawza normali) gie debitament ezegwit minn Neslte Malta Ltd, izda mhux registrat fid-dokumentazzjoni apposite tar-Registru. Ghaldaqstant ghandu jigi rikonoxxut illi l-opposizzjoni saret u illi l-proceduri kontemplati  taht l-Artiklu 166A ma gewx kompluti fis-sens illi il-proceduri huma maghluqa u illi ghandu ikun hemm titolu ezekuttiv; izda li dan il-process ghadu mhux konkluz u ghandu jkollu l-iter gudizjali litigus propju u normali, bid-drittijiet kollha tal-partijiet li jipproducu ix-xhieda u l-argomenti taghhom, u li jwassal ghal sentenza gusta.

Illi fit-tieni lok irid imbaghad jinghad illi fil-korrispondenza precedenti li kien hemm bejn il-partijiet, specifikament fl-ittra ta’ Nestle lil Mompalao Trading datata 10 Awissu 2011 **(Dok B pg 2)** jinghad li qed isir pagament fl-ammont ta’ Euro 11,139.20 **in full and final settlement**, liema ittra kellha wkoll anness maghha ic-cheque f’dan l-ammont li gie debitament imsarraf.  Mompalao fl-ittra tieghu tal-11 ta’ Awissu 2011 (**Dok I**) qal li kien sarraf ic-cheque bhala part payment, u skond hu minghajr telf ta’ dritt ghall-bilanc ta’ elfejn, seba’ mija erbgha u tmenin ewro, tmenin centezmu (€ 2784.80) minnu allegat bhala dovut minn Nestle.  It-talba originali kienet fl-ammont ta’ tlettax-il elf, disa’ mija erbgha u ghoxrin ewro (€ 13,924).

Illi biex ic-cheque ta’ hdax-il elf, mija disgha u tletin ewro, ghoxrin centezmu (€ 11,139.20) ma jkunx hlas ‘in full and final settlement’, Mompalao kellu ma jsarrafx ic-cheque, u jirritorna ic-cheque lura. Meta sarraf ic-cheque moghti lilu taht il-kondizzjoni ta’ hlas ‘in full and final settlement’ allura huwa accetta il-hlas b’dik il-kundizzjoni.

Illi ghalhekk meta Mompalao sarraf ic-cheque kien jaf li kien qieghed qed isarraf dan ic-cheque ‘in full and final settlement’ tal-kreditu tieghu, u li ma setghax imbaghad jekk mhux b’qerq u frode jitlob sussegwentament hlas addizjonali. U cioe’ il-hlas tal-ammont ta’ € 2784.80 illum mertu ta’ din il-kwistjoni.  Madanakollu fl-ittra ufficjali ta’ Mompalao taht Art 166A (No 794/12) qed jitlob il-hlas ta’ € 2784.80 – kontenut li hu qarrieqi u frawdolenti – u dan kif

ben saput minn Charles Bonnici Mompalao, li ghan-nom ta' Mompalao Trading Ltd halef l-istess.

Illi frode, ingann u qerq qatt m'ghandu jirbah jew jigi ppremjat il-ghaliex huwa bazi fondamentalment hazina li taht il-principju legali 'fraus omnia corrumpit' ma jista' qatt ikollu ezitu favorevoli minn Qorti tal-Gustizzja. Jghid ghalekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandiex:

1. immedjatament u b'urgenza tiddikjara illi l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv (No 2055/12) mahrug a bazi tal-proceduri fuq imsemmija (No 794/12) huwa non-ezegwibbli jew temporanjament tissospendi l-ezekuzzjoni tieghu; u
2. imbaghad illi s-sentenza emanenti mill-proceduri ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni, taht l-Art 166A i.e. No 794/12 f'dawn l-ismijiet tigi ddikjarata nulla u bla effett ghar-raguni li kien hemm opposizzjoni ghall-istess u sussidjarjament ghaliex inoltre ibbazata fuq frode, qerq u ingann kif hawn fuq imsemmi.

Bl-ispejjez tal-proceduri kollha; u b'misuri ohra jekk ikun il-kaz li l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni ghar-rigward tal-gurament mehud minn Charles Bonnici Mompalao kif fuq imsemmi.

Rat il-lista ta' <u>domandi</u> a fol 5 tal-atti kif ukoll l-istess dokumenti a fol 6 sa fol 16 tal-istess atti.

Rat id-digriet taghha preliminari moghti fit-23 t'Awwissu, 2012 (fol 17 ibid)

Rat ir-<u>risposta</u> tas-socjeta intimata (fol 20 et seq ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

Illi fir-rikors taghha tal-10 t'Awwissu 2012, is-socjeta' rikorrenti Nestle Malta Ltd talbet lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv (2055/12, erronjament indikat fir-rikors bhala 1055/12) huwa non-ezegwibbli kif ukoll li tiddikjara s-sentenza emanenti mill-

procedura ufficjali taht l-Artikolu 166A numru 794/12 fl-ismijiet imsemmija fuq bhala nulla u bla effett.

Illi fl-ewwel lok, l-Artikolu 166A(6) tal-Kapitolu 12 huwa ben specifiku dwar ic-cirkostanzi li fihom tista' ssir opposizzjoni ghall-hrug jew l-ezekuzzjoni ta' att ezekuttiv li nkiseb taht l-Artikolu 166A(5) jew il-hlas tar-rikavat ta' xi mandat li sar konformament ma' dan, u cioe' li l-opposizzjoni tista' ssir biss fic-cirkostanzi provduti fis-subartikolu (5), jigifieri:

*(i) 'li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
*(ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (i), (2) jew (3)'*

Illi huwa car li l-ebda minn dawk ic-cirkostanzi msemmija fis-subartikolu (5) ma sehhew tant illi r-rikorrenti mhumiex jilmentaw ebda minn dawk ic-cirkostanzi u ghaldaqstant l-opposizzjoni odjerna tar-rikorrent ma ghandha l-ebda bazi fil-ligi u m'ghandhiex tkun annessa stante illi l-ligi hija specifika hafna dwar kif ghandha ssir opposizzjoni, u l-pretensjoni tar-rikorrent ma taqax f'dawk ic-cirkostanzi.

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ligi hi wkoll specifika dwar kif ghandha ssir opposizzjoni ghal ittra ufficjali mibghuta taht l-Artikolu 166A tant illi, skond l-Artikolu 166A (3), l-ittra ufficjali stess mibghuta ghall-finijiet tal-Artikolu 166A, ghandha tinkludi, taht piena ta' nullita', intimazzjoni lid-debitur dwar kif dan ghandu jwiegeb jekk jixtieq jopponi t-talba u dan hu billi jipprezenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba. Ghaldaqstant, il-metodu kif issir in-nota u kif ghandha tigi pprezentata hu, f'dan il-kaz, essenzjali ghal validita' ta' tali opposizzjoni stante illi johrog carament mill-ligi li tipprovdi mekkanizmu car u preciz mhux biss ghall-azzjonijiet ghall-hlas ta' dejn cert, likwidu u dovut, izda anke ghall-opposizzjoni ta' tali azzjonijiet. Li kieku l-Qorti kellha taccetta li opposizzjonijiet jistghu jsiru b'mod iehor, tkun mhux biss qed tmur kontra l-procedura stabbilita b'mod preciz fil-ligi, izda wkoll tkun qed jimponi piz impossibbli fuq ir-Registratur li allura, f'kazijiet fejn ikun

mitlub ifittex saritx opposizzjoni ghal ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A ma jistax sempliciment u kif ghandu jaghmel, ifittex fl-atti ta' dik l-ittra, izda jkollu wkoll jikkunsidra li setghet forsi saret xi opposizzjoni b'mod iehor.

Illi ghaldaqstant, kuntrarjament ghal dak li qieghed isostni r-rikorrent, l-opposizzjoni ghall-proceduri taht l-Artikolu 166A ma gietx debitament ezegwita minn Nestle Malta Ltd stante illi skond l-Artikolu 166A, l-opposizzjoni ma tistax issir bi kwalunkwe mod li jiddeciedi d-debitur, izda biss bil-mod precizat f'dan l-istess Artikolu, u ghaldaqstant 'opposizzjoni' maghmula b'mod iehor hija nulla ghall-finijiet ta' dan l-Artikolu u ma tistax ixxekkel l-operat ta' tali Artikolu u dawk sussegwenti.

Illu sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent qieghed jallega li meta ssarraf ic-cekk li ntbaghat ghall-hlas ta' parti mis-somma akbar dovuta lill-esponent Mompalao Trading Ltd, kien hemm accettazzjoni tal-kundizzjoni maghmula unilateralment mir-rikorrent li c-cekk sar 'in full and final settlement' peress illi anness mac-cekk kien hemm ittra mibghuta minnu li sostniet li l-pagament kien qieghed isir 'in full and final settlement'.

Illi peress illi ma tirrizulta l-ebda accettazzjoni esplicita mill-ebda document, allura forsi r-rikorrent qieghed jallega li saret accettazzjoni tacita. Fil-kawza **Gauci vs MCL Ltd,** deciza mill-Qorta tal-Appelll (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003, kif kwotata fil-kawza **Thomas Zahra u martu Joan Zahra vs Joseph Cassar u martu Alessandra Cassar** deciza mill-Prim'Awla fit-13 ta' Frar 2012, intqal hekk:

'*Illi biex ikun hemm il-kunsens tacitu hemm bzonn essenzjalment ta' zewg rekwiziti, cioe' li dak li jikkonsenti jkun pjenament konsiderevoli tal-vera portata u l-effetti tal-att li jinghad juwa qieghed tacitament jikkonsenti jew jaccetta, u di piu illi l-komportament tieghu jkun tali li jkun inkonsiljabbli mal-volonta' tieghu, b'mod li l-kondotta tieghu ma tkunx tista' tigi spjegata b'mod iehor hlief li*

*huwa accetta l-operat li ghalih ikun qed jigi allegat li akkonsenta. Din l-accettazzjoni hija ta' stretta interpretazzjoni.'*

Illi f'dan il-kaz, l-esponent mhux talli agixxa b'mod fejn bl-ebda immaginazzjoni wiehed ma jista' jghid illi l-kondotta tieghu ma tkunx tista' tigi spjegata b'mod iehor hlief li huwa accetta l-operat li ghalih ikun qed jigi allegat li akkonsenta (li huwa rekwizit emanenti mill-kawzi precedenti suesposti), izda huwa esplicitament irrifjuta din il-kundizzjoni, bhalma jidher mill-ittra tieghu lir-rikorrent, annessa mar-rikors bhala Dok. 1. Anke b'interpretazzjoni wiesgha jidher carament illi f'dan il-kaz ma kienx hemm kunsens tacitu, ahseb u ara jekk wiehed japplika s-stretta interpretazzjoni applikata mill-Qorti fil-kazijiet precedenti suesposti.

Illi l-allegazzjoni minn naha tar-rikorrent li kien hemm qerq, frodi jew ingann minn naha tal-esponent hi inkorretta u ingusta b'mod estrem stante illi f'dan il-kaz l-esponent sempliciment interpella lir-rikorrent ihallas is-somma rimanenti dovuta lilu permezz ta' procedura gudizzjarja wzata frekwentament, cioe' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12. Kuntrarjament ghal dak li qed jallega r-rikorrent, tali hlas kien certament ghadu dovut stante illi l-esponent, fl-ebda moment, la b'mod esplicitu u lanqas b'mod tacitu, ma accetta li ma kienx ghad fadal flus dovuti lilu mis-socjeta' rikorrenti jew addirittura rrinunzja ghal tali dritt li jirkupra dawn il-flus. Hija filfatt propju l-allegazzjoni ta' qerq tar-rikorrent li hija qarrieqa.

Illi l-korrispondenza li giet skambjata bejn il-partijiet, annessa mar-rikors bhala Dok. D, Dok F. u Dok. G intbaghtu 'Minghajr Pregudizzju', fi spirtu ta' transazzjoni bejn il-partijiet, li ghandha tigi inkoraggita mill-Qrati u ghaldaqstant huwa principju ben ritenut kemm fil-ligi kif ukoll fil-prassi generali li tali korrispondenza ma tistax tintuza quddiem qorti. Ghaldaqstant l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tordna li tali korrispondenza tigi sfilzata minn dawn l-atti u li tali riferenza diga maghmula ghaliha mir-rikorrent ma tkunx ikkunsidrata mill-Qorti.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tichad ir-rikors ta' Nestle Malta Ltd u b'hekk tikkonferma l-validita' tal-mandat ta' sewestru ezekuttiv 2055/12 sabiex l-esponent ikun jista' liberament jizbanka kwalunkwe flus depozitati bhala rizultat ta' dan il-mandat ta' sekwestru, biex jissodisfa l-kreditu li ghandu kontra r-rikorrent.
2. Tikkonferma t-titolu ezekuttiv emanenti mill-proceduri tal-ittra ufficjali mibghuta taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 166A, Nru 794/12 fl-ismijiet premessi.
3. Tordna li l-korrispondenza mibghuta bejn il-partijiet, ta' liema kopja giet annessa mar-rikors bhala Dok. D, Dok. F u Dok. G jigu sfilzati minn dawn l-atti stante li ntbaghtu 'Minghajr Pregudizzju'.

Bl-ispejjez tal-proceduri kollha u bl-imghax mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi, hawnhekk, ser jigi deciz il-punt risultanti mit-tieni (2) u mit-tielet (3) premessa kif risultanti mir-rikors promotur abbinat ma' dak li jinghad fl-ewwel (1) paragrafu tar-risposta a fol 21 tal-istess atti.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi ma hux kontestat illi s-socjeta' intimata ppresentat ittra ufficjali (l-anness Dok A a fol 6 tal-istess atti) a bazi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigi notat illi f'din l-ittra, hemm imnizzel, skont l-istess artikoli, illi hi qed tintbaghat mis-socjeta' intimata taht dejjem l-istess artikolu imsemmi u "...jekk <u>ma twegibx</u> fi zmien tletin (30) jum, din issir titolu ezekuttiv..." waqt li fil-premessi taghha hemm specifikat li l-istess opposizzjoni trid issir permezz ta' nota.

Illi dwar din it-twegiba, l-istess artikolu jispecifika li trid issir permezz ta' nota fl-atti tal-istess ittra ufficjali. Izda f'dan il-kaz gara li s-socjeta' intimata, minflok nota ppresentat ittra ufficjali in opposizzjoni, minflok nota (ara fol 8 tal-istess atti) u dan entro it-terminu ta' tletin jum imsemmi.

Illi sussegwentement u wara l-iskadenza tal-imsemmi terminu, is-socjeta' rikorrenti ppresentat nota, b'kopja tal-ittra ufficjali annessa maghha (ara fol 10 ibid).

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta' intimata ghalhekk qed tghid illi kienet gustifikata illi jinhareg il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv in kwistjoni peress li l-opposizzjoni saret b'ittra ufficjali u mhux b'nota.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hi tal-fehma illi tali opposizzjoni hi valida ghal kull effett u fini tal-ligi applikabbli. Filfatt l-opposizzjoni saret permezz ta' att gudizzjarju li fih hemm specifikat b'mod dettaljat, ir-ragunijiet ghaliex l-ammont pretiz mis-socjeta' intimata ma hux dovut. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti marret oltre dak rikjest, bhala il-minimu mill-artikolu 166A citat u bl-ebda mod ma jista' jinghad illi r-risposta saret b'mod invalidu jew null.

**Ikkunsidrat**

Illi, dan premess, l-istess Qorti ma hiex ser tidhol fil-punti l-ohra sollevati, miz-zewg nahat peress li dawn jinvolvu l-meritu tal-kaz in ezami. Ghalhekk ser tieqaf hawn u ma hiex ser tmur oltre.

**Ikkunsidrat**

Illi, in konkluzjoni, l-opposizzjoni kif saret ghandha tigi kunsidrata bhala valida. Izda jidher wkoll car u evidenti illi s-socjeta' intimata kienet gustifikata li titlob il-hrug tal-mandat ezekuttiv in esami peress li mill-atti tal-ittra ufficjali

presentat taht l-artikolu 166A, ma kienx jidher li saret tali opposizzjoni. Dan qed jinghad in konnessjoni mal-kap tal-ispejjes ta' din il-procedura liema spejjes ghandhom jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

1. tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 2055/12 bhala non-ezegwibbli u
2. illi dak kollu risultanti mill-proceduri tal-ittra ufficjali numru 794/12 ghandu jigi kunsidrat bhala null u minghajr effett stante l-opposizzjoni valida kif hawn fuq premess.

In rigward l-ispejjes ta' din il-procedura inkluzi dawk tal-istess mandat dawn ghandhom jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------